# LIR-RIVISTA TAGHNA "IL-MALTI"

*(B'tifkira ta' l-ewwel 25 sena ta' ħajjitha)*

*Ta'* Mario Agius

Kien għadu mkasbar wisq l-ilsien li rdajna
Ġo ħoġor ommna, wild ta' din il-Gżira,
U b'alfabet ħażin imwarrba u fqira:
Il-kitba tagħna kienet għal ta' wrajna.

Imbagħad il-"Għaqda tal-Kittieba" rajna
Titwaqqaf fost tfixkil bla sfat irsira
Ta' ħadd, ħlief tal-Lsien Malti b'ħeġġa kbira,
Biex taħtar alfabet minn dawk li ġmajna.

Għal dan il-"Għaqda" ħarġet ftit żmien wara
"Il-Malti" tagħha b'kitba wisq sabiħa,
B'alfabet ġdid u ortografija tajba:

B'kitba Maltija mżewqa wkoll u sħiħa
Illi minn ħadd ma tista' tiġi mgħajba
B'alfabet wieħed sew li l-poplu dara!...